

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0035/2008

11.2.2008

RAPPORT

dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Għoti ta' Poter lin-Nisa fil-Koperazzjoni
għall-Iżvilupp
(2007/2182(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Feleknas Uca

Rapporteur għal opinjoni (*): Gabriela Crețu,
Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

(*)Proċedura b' kumitati assoċjati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	16
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI	19
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	24

(*)Proċedura b' kumitati assoċjati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Għoti ta' Poter lin-Nisa fil-Koperazzjoni għall-Iżvilupp (2007/2182(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2007 bit-titolu L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Għoti ta' Poter lin-Nisa fil-Koperazzjoni għall-Iżvilupp (COM(2007)0100),
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar "l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Għoti ta' Poter lin-Nisa fil-Koperazzjoni għall-Iżvilupp", li ġew adottati fl-14 ta' Mejju 2007,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 806/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-koperazzjoni għall-iżvilupp¹,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(2), 137 u 141 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea mħabbra fis-sena 2000² u, b'mod partikulari, l-Artikolu 23,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW),
- wara li kkunsidra r-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa li saret f'Beijing f'Settembru 1995, id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għall-Azzjoni adottati f'Beijing kif ukoll id-dokumenti li rriżultaw wara u li ġew adottati fis-Sessjonijiet Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Beijing +5 u Beijing +10 dwar azzjonijiet u inizjattivi ulterjuri biex jimplimentaw id-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma għall-Azzjoni adottati rispettivament fid-9 ta' Ġunju 2000 u fil-11 ta' Marzu 2005,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp, adottati fis-Samit tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2000, u b'mod partikulari l-MDG dwar il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tal-poter lin-nisa bħala rekwiżit sabiex jingħelbu l-ġuħ, il-faqar u l-mard, jinkisbu l-ugwaljanza fil-livelli kollha ta' l-edukazzjoni u fl-oqsma kollha tax-xogħol, il-kontroll ugwali fuq ir-riżorsi u r-rappreżentanza ugwali fil-ħajja pubblika u politika,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar "L-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp 2000-2004" (SEC(2004)1379),

¹ ĠU L 143, 30.4.2004, p. 40.

² ĠU C 364, 18.12.2000, p.1.

- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2004, li kkonfermaw l-impenn sħiħ ta' l-Unjoni Ewropea lejn l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp u l-koerenza politika,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-12 ta' April 2005 dwar l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea fil-kisba ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs)¹ u ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp - il-punt tan-nofs²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Novembru 2005 dwar strateġija għall-iżvilupp ta' l-Afrika³, u tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-qagħda tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2007 dwar "Avvanz fl-Agrikoltura Afrikana"⁵,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, adottata fil-31 ta' Ottubru 2000, dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (UNSCR 1325 (2000)), b'mod partikulari l-ewwel paragrafu, li jhegġegħ lill-Istati Membri biex "jiżguraw żieda fir-rappreżentanza tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-istituzzjonijiet nazzjonali, reġjonali u internazzjonali [...]",
- wara li kkunsidra l-istqarrija Konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni għall-Politika ta' l-Iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea: 'Il-Kunsens Ewropew' (Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp) iffirmata fl-20 ta' Diċembru 2005⁶ u l-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja ta' Diċembru 2007⁷,
- wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP), fuq naħa waħda, u l-Komunità u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, iffirmata f' Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000⁸, kif emendat bil-Ftehma li temenda l-Ftehma ta' Sħubija, iffirmata fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005⁹,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ruma dwar l-Armonizzazzjoni, adottata fil-25 ta' Frar 2003 wara l-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Armonizzazzjoni, u d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettività ta' l-Għajnuna, adottata fit-2 ta' Marzu 2005,
- wara li kkunsidra l-Konferenza Internazzjonali dwar l-Iffinanzjar ta' l-Iżvilupp li saret f' Monterrey f' Marzu 2002, u s-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f' Johannesburg f' Settembru 2002,

¹ ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 311.

² Testi Adottati, P6_TA(2007)0274.

³ ĠU C 280 E, 18.11.2006, p. 475.

⁴ Testi Adottati, P6_TA(2007)0483.

⁵ Testi Adottati, P6_TA(2007)0577.

⁶ ĠU C 46, 24.2.2006, 9.1.

⁷ L-Istqarrija dwar il-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja ġiet approvata mill-Kunsill fid-19 ta' Novembru u mill-Parlament Ewropew fid-29 ta' Novembru u mill-Presidenti tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew fit-18 ta' Diċembru 2007.

⁸ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁹ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27.

- wara li kkunsidra r-rapport finali adottat f'Marzu 2005 fid-49 sessjoni tal-Kummissjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-Qagħda tan-Nisa,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Programm ta' Żvilupp tan-NU tas-sena 2006 bit-titolu "Lejn l-Ugwaljanza",
- wara li kkunsidra r-rapporti dwar il-Qagħda tal-Popolazzjoni Dinjija ta' l-2005 u l-2006, imfassla mill-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Popolazzjoni, bit-titolu Il-Wegħda ta' l-Ugwaljanza: l-ekwità bejn in-nisa u l-irġiel, is-saħħa riproduttiva u l-għanijiet tal-millennju għall-iżvilupp, u Mogħdija lejn it-Tama: In-nisa u l-migrazzjoni interna, rispettivament,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp¹ ('Strument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp' (DCI)),
- wara li kkunsidra l-Istatistika bbażata fuq ir-rapporti tal-Membri tal-Kumitat ta' l-Għajnuna għall-Iżvilupp ta' l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) dwar il-Punt ta' Riferiment tal-Politika dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2004 - 2005, ippubblikat f'Ġunju 2007 u r-Rapport ta' l-OECD ta' l-2006 dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Għoti ta' l-Għajnuna,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Liżbona ta' Marzu 2000 dwar it-tkabbir u l-impjieġ,
- wara li kkunsidra l-Protokoll dwar id-Drittijiet tan-Nisa fl-Afrika, magħruf ukoll bħala l-Protokoll ta' Maputo, li daħal fis-seħħ fis-26 ta' Ottubru 2005,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 u s-6 ta' Diċembru 2007 dwar ir-reviżjoni ta' l-implimentazzjoni mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet ta' l-UE tal-pjattaforma għall-azzjoni ta' Beijing u, b'mod partikulari, ir-rapport mehmuż żviluppat mill-Presidenza Portugiża li fih indikaturi dwar in-nisa u l-faqar;
- wara li kkunsidra l-Konferenza Internazzjonali tan-NU dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) li saret fil-Kajr f' Settembru 1994, il-Programm ta' Azzjoni adottat fil-Kajr kif ukoll id-dokumenti sussegwenti li rriżultaw, adottati fis-seduta speċjali tan-NU Kajr+5 dwar aktar azzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni adottat fl-1999,
- wara li kkunsidra s-Sejħa għall-Azzjoni ta' Brussell biex tiġi indirizzata l-vjolenza sesswali fil-kunflitti u lil hinn minnhom (Ġunju 2006);
- wara li kkunsidra il-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo għat-Tħaddim tal-Qafas tal-Politika Kontinentali għas-Saħħa u d-Drittijiet Sesswali u Riproduttivi 2007-2010 adottat mis-Sessjoni Speċjali ta' l-Unjoni Afrikana f'Settembru 2006,
- wara li kkunsidra l-qafas ta' azzjoni ta' Brussell u r-rakkomandazzjonijiet dwar is-saħħa għall-iżvilupp sostenibbli, adottati mill-Ministri tas-Saħħa tal-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP) fi Brussell f'Ottubru 2007,

¹ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi: kwistjonji ewlenija f'soċjetà li qed tinbidel", u l-Programm ta' Azzjoni marbuta magħha adottat fil-Ħames Kunsill Ministerjali Ewropew,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Konferenza tal-Ministri ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi li saret fil-Lussemburgu fl-4 ta' Frar 2005,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 14/04 ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE), adottata fis-7 ta' Diċembru 2004 f'Sofia, dwar il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-OSCE għall-2004 għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi;
 - wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Commonwealth 2005-2015 għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
 - wara li kkunsidra r-Regola 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat tad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0035/2008),
- A. billi d-Dikjarazzjoni ta' Vjenna, adottata fil-25 ta' Ġunju 1993 mill-Konferenza Dinjija tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tgħid li "d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet jiffurmaw parti integrali, indiviżibbli u inaljenabbli mid-drittijiet universali tal-bniedem",
 - B. billi l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jidentifika l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala prinċipju komuni, billi jistqarr li "l-UE se tinkludi element qawwi ta' ġeneru fil-politiki u l-prattiki kollha tagħha fir-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw" (Taqsimha I - Artikolu 19), u billi l-Ftehma ta' Cotonou tenfasizza b'mod ċar il-valur ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, filwaqt li tafferma li "l-koperazzjoni għandha tgħin biex ittejjeb l-aċċess tan-nisa għar-riżorsi kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom b'mod sħiħ" (Artikolu 31),
 - C. billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU inkludiet aċċess universali għas-saħħa riproduttiva sa l-2015 bħala sotto-objettiv fil-lista ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp,
 - D. billi l-Pjattaforma ta' Beijing għall-Azzjoni identifikat l-inklużjoni ta' kwistjonijiet dwar il-ġeneru bħala strateġija effettiva għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u stqarret li l-gvernijiet u partijiet oħra "għandhom jippromwovu politika attiva u li tidher rigward l-inklużjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fil-politiki u l-programmi kollha, sabiex qabel ma jittiedu d-deċiżjonijiet issir analiżi ta' l-effetti fuq in-nisa u fuq l-irġiel rispettivament",
 - E. billi madwar 2/3 tax-xogħol madwar id-dinja jsir min-nisa u mill-bniet, iżda dawn igawdu minn inqas minn 5% tad-dħul; billi x-xogħol tan-nisa jipproduċi nofs l-ikel tad-dinja, u billi kważi 74% tan-nisa li mhumiex impjegati huma okkupati primarjament bix-xogħol tad-dar u u b'li jieħdu ħsieb tal-familja f'darhom, meta mqabbla ma' 27% ta' l-irġiel li mhumiex impjegati,
 - F. billi 70% mill-1.3 biljun persuna li jgħixu f'faqar assolut huma nisa, u billi l-faqar mhuwiex biss sintomu iżda wkoll kawża tat-tqassim inġust tad-dħul, tal-proprietà, tar-

riżorsi, tas-saħħa fis-suq u tad-dritt li wieħed jiddisponi mill-proprjetà; billi l-UE qed tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa fil-koperazzjoni tagħha għall-iżvilupp permezz ta' strateġija fuq żewġ livelli li tinkludi l-inklużjoni ta' kwistjonijiet dwar il-ġeneru u azzjonijiet speċifiċi bil-għan li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u l-ġhoti tal-poter lin-nisa,

- G. billi t-tkabbir ekonomiku huwa essenzjali fil-ġlieda kontra l-faqar, iżda fih innifsu mhux biżżejjed, għax ma jiġġenerax biżżejjed opportunitajiet ġodda biex jitwaqqfu l-intrapriżi u jinħolqu l-impjiegi,
- H. billi l-inugwaljanzi bejn is-sessi għandhom tendenza li jwasslu għal inugwaljanzi oħra, b'konsegwenzi ħżiena għall-benessri tan-nisa, u għall-familji u l-komunitajiet tagħhom, kif ukoll għall-iżvilupp persunali tagħhom,
- I. D.billi f'ħaġġa pajjiżi, azzjonijiet relatati mas-sessi mhumiex meqjusa ta' prijetà għolja, fejn il-ġeneru huwa meqjus b'ħaġġa kwistjoni sussidjarja, u prattiki kulturali, reliġjużi u soċjo-ekonomiċi huma użati b'ħaġġa skuża biex jiġi ostakolat il-progress fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa,
- J. billi ġie ppruvat li l-ġhoti ta' poter lin-nisa jaċċelera l-kisba ta' l-Objettivi l-oħra tal-Millennju għall-Iżvilupp sabiex jitnaqqas il-faqar u jitjiebu l-indikaturi demografiċi, soċjali u ekonomiċi,
- K. billi l-inklużjoni tal-kwistjonijiet tal-ġeneru tista' tgħin sabiex is-soċjetajiet isiru aktar ġusti u demokratiċi, fejn in-nisa u l-irġiel jitqiesu b'ħaġġa ndaq f'kull aspekk tal-ħajja, iżda din ma tissostitwix politiki speċifiċi dwar l-ugwaljanza u azzjonijiet pożittivi b'ħaġġa parti minn strateġija fuq żewġ livelli mmirata biex tikseb l-għan ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi,
- L. billi l-edukazzjoni bikrija u t-taħriġ għall-bniet u għan-nisa (inkluża l-edukazzjoni komprensiva dwar is-sess) huma kruċjali fil-ġlieda kontra l-faqar u l-mard fuq skala mifruxa, għax dawn jiżguraw li n-nisa jżidu l-għarfien, il-kapaċitajiet u l-kunfidenza tagħhom sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-soċjetà u fil-politika b'mod sħiħ,
- M. billi l-fatt li n-nisa jgawdu s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom huwa meħtieġ sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, billi l-ħila tan-nisa li jikkontrollaw il-fertilità tagħhom hija fundamentali sabiex ikollhom is-setgħa, u għax in-nisa li jistgħu jippjanaw il-familji tagħhom jistgħu jippjanaw ukoll il-bqija ta' ħajjithom, billi n-nisa b'saħħithom jistgħu ikunu aktar produttivi u għax il-ħarsien tad-drittijiet riproduttivi - b'ħaġġa-ippjanar tal-familja f'termini ta' meta jkollhom l-ulied, u ż-żmien ta' bejn l-ulied, u t-teħid tad-deċiżjonijiet dwar ir-riproduzzjoni mingħajr diskriminazzjoni, sfurzar jew vjolenza - jipprovdi l-libertà li jieħdu sehem aktar sħiħ u ugwali fis-soċjetà,
- N. billi l-appoġġ finanzjarju u tekniku għall-organizzazzjonijiet tan-nisa huwa kruċjali għall-promozzjoni ta' programmi għall-membri l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjoni, fosthom in-nisa migranti, dawk spustjati u rifuġjati, b'mod partikulari l-provvista ta' apparat u teknoloġija adattata għall-ippoċessar ta' l-ikel u sabiex jitħaffef ix-xogħol, l-iffaċilitar ta' l-aċċess tan-nisa għall-art, it-titjib ta' l-aċċess tal-bniet għall-iskola u ta' l-attenzenza tagħhom,
- O. billi n-nisa huma vulnerabbli għal diskriminazzjoni fiż-żwieġ u għal diskriminazzjoni fl-aċċess għall-proprjetà tal-bini u ta' l-art, kif ukoll għar-riżorsi u għall-kontroll tagħhom,

- P. billi ħafna nisa huma miċħuda l-aċċess għall-ħtiġijiet bażiċi u għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, għall-edukazzjoni fil-livelli kollha, għall-karrieri u għall-parteċipazzjoni fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet,
- Q. billi f'xi kulturi għadhom jeżistu preġudizzji kulturali, tradizzjonali u reliġjużi, li jillimitaw u jiddiskriminaw l-aċċess tal-bniet u tan-nisa żgħażaġh għall-edukazzjoni,
- R. billi mill-inqas 130 miljun mara kellhom jiffaċċjaw il-mutilazzjoni ġenitali jew prattiċi tradizzjonali vjolenti oħra, u kull sena żewġ miljuni oħra jinsabu fir-riskju ta' dan il-ksur serju ta' l-integrità fiżika u tad-drittijiet tagħhom,
- S. billi l-migranti nisa huma aktar esposti mill-irġiel għal xogħol sfurzati u sfruttament sesswali, u x'aktarx aktar jaċċettaw kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji,
- T. billi f'pajjiżi li jkunu għaddew minn kunflitt u li għaddejjin minn proċessi ta' rikostruzzjoni u ta' integrazzjoni mill-ġdid, il-mekkaniżmi istituzzjonali u l-impenji favur l-ugwaljanza bejn is-sessi huma passi inizzjali effettivi lejn il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa; billi l-involviment tal-partijiet rilevanti kollha, bħall-gvernijiet u r-rappreżentanti politiċi, l-NGOs, il-gruppi mis-soċjetà ċivili u l-akkademiċi, kif ukoll il-parteċipazzjoni diretta ta' gruppi u ta' networks tan-nisa, hija l-pre-kundizzjoni essenzjali biex jintlaħaq żvilupp konġunt u sostenibbli,
- U. billi fl-Afrika 'l isfel mis-Sahara, 57 fil-mija ta' l-adulti li għandhom l-HIV huma nisa, u n-nisa żgħażaġh bejn 15 u 24 sena għandhom tliet darbiet aktar probabbiltà li jiġu infettati meta mqabbla ma' l-irġiel żgħażaġh,
- V. billi hemm differnza fil-livell ta' informazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa dwar il-modi li bihom tittieħed l-HIV/AIDS u dwar il-miżuri preventivi, fattur li jissaħħaħ permezz tal-klima ta' diskriminazzjoni u ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru; billi l-edukazzjoni sesswali u riproduttiva u l-informazzjoni u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa marbuta mar-riproduzzjoni huma l-aħjar garanzija għall-prevenzjoni ta' l-HIV/AIDS u ta' mard ieħor li jittieħed sesswalment,
- W. billi kull sena għadhom qed imutu 536,000 omm waqt it-twelid (95% ta' dawn il-każi jseħħu fl-Afrika u fl-Ażja) u għal kull mara li tmut, 20 jew aktar ikollhom kumplikazzjonijiet serji, minn infezzjonijiet kroniċi għal prattiki li jirriżultaw f' diżabilità, bħall-fistula obstetrika, li jistgħu jiġu evitati faċilment kieku jkun hemm aċċess universali għall-kura obstetrika bażika u ta' l-emerġenza u għas-servizzi tas-saħħa riproduttiva,
- X. billi, skond studju ta' l-Istitut Internazzjonali tar-Riċerka dwar il-Politika ta' l-Ikel, hemm rabta ċara bejn il-qagħda tat-tfal rigward in-nutrimient u l-grad ta' awtorità li jkollhom in-nisa fil-familja, u nisa ta' pożizzjoni baxxa u li m'għandhomx sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet f'affarijiet tal-familja aktar għandhom tendenza li jkollhom nuqqas ta' ikel huma stess; billi n-nutrimient aħjar jista' jipprevjeni l-parti l-kbira ta' l-imwiet tat-tfal u jista' jgħin biex jinkiseb l-MDG tat-tnaqqis tar-rati tal-mortalità tat-tfal,
- Y. billi l-effiċjenza ta' ċerti proġetti li ġew implimentati s'issa ġiet imfixkla bin-nuqqasijiet li huma speċifiċi għal pajjiżi varji: amministrazzjoni lokali u nazzjonali fraġli, gvernijiet korrotti jew nuqqas ta' għarfien speċjalizzat u persunal imħarreġ biex jittratta l-problemi marbuta ma' l-għoti ta' poter lin-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi,

- Z. billi r-riskju ogħla ta' diżastri naturali kif ukoll il-proċessi ta' degradazzjoni tar-riżorsi kkawżati fuq livell lokali jew reġjonali jolqtu l-gruppi l-aktar żvantaġġjati tal-popolazzjoni b'mod sproporzjonat,
1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, li hu jqis bħala pass 'il quddiem fil-Programm ta' Azzjoni dwar l-inklużjoni ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-koperazzjoni għall-iżvilupp tal-Komunità" għas-snin 2001 sa 2006;
 2. Jiddeplora l-fatt li mill-20 ta' Diċembru 1995, meta għall-ewwel darba l-Kunsill, fir-risoluzzjoni tiegħu, semma l-inklużjoni ta' kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-koperazzjoni għall-iżvilupp bħala wieħed mill-prinċipji tal-politika ta' l-iżvilupp tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, fil-prattika ma kienx hemm riżultati konkreti suffiċjenti minn dak iż-żmien 'l hawn;
 3. Jirrimarka li l-fehim tan-nies ta' l-irwoli tan-nisa fis-soċjetajiet ta' wara l-gwerra u tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-bini mill-ġdid ta' wara l-gwerra jrid imur lil hinn min-narrativa universalista ta' "l-esperjenza tal-gwerra mill-perspettiva tan-nisa" u li l-ispeċifità u d-diversità ta' l-esperjenza tan-nisa għandha tiġi rikonoxxuta;
 4. Jiddeplora l-fatt li l-parti l-kbira tad-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiżi ta' l-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) jirreferu għall-kwistjoni tal-ġeneru bħala qasam trasversali, mingħajr ma jindikaw miri jew attivitajiet speċifiċi marbuta mal-ġeneru; jitlob bil-qawwi li l-miri u l-attivitajiet speċifiċi marbuta mal-ġeneru jiġu inklużi fi strateġiji tal-ġejjieni;
 5. Jilqa' t-talba tal-Kummissjoni sabiex l-UE tappoġġja pajjiżi terzi bil-għan li jirrispettaw u jimplimentaw l-obbligi internazzjonali, bħal ma huma l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (1979), il-Programm ta' Azzjoni tal-Kajr (1994 u 2004), il-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing (1999 u 2005), u d-Dikjarazzjoni ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (2000);
 6. Jenfasizza li fil-fehma tal-Kummissjoni, ir-riżorsi finanzjarji maħsuba speċifikament biex jappoġġjaw l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-koperazzjoni għall-iżvilupp mhumiex sinifikanti meta mqabbla mar-riżorsi ddedikati għal miżuri orizzontali oħra; jiddeplora l-fatt li 5% biss tal-fondi tad-DCI għall-programm tematiku 'L-Investment fil-persuni (2007-2013)' huma allokatu għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u li d-dokumenti strateġiċi reġjonali u nazzjonali ma jagħtux tagħrif dwar l-allokazzjoni tal-baġit għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, billi din il-kwistjoni tissemma biss bħala waħda trasversali u għalhekk ma jiġux mogħtija dettalji finanzjarji;
 7. Juri t-tħassib tiegħu rigward l-istruttura l-ġdida ta' l-għajnuna tal-Kummissjoni, li tagħti preferenza lill-appoġġ baġitarju, billi dan il-fattur jista' jwassal għal aktar diffikultajiet fl-ewalwazzjoni tal-progress fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
 8. Huwa tal-fehma li l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni huwa bażi tajba li fuqu l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jistgħu jinkludu kwistjonijiet dwar is-sessi fil-programmi tagħhom ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u jingħata l-poter lin-nisa, bħala l-istrument prinċipali biex jissaħħu id-drittijiet tal-bniedem u titkompla l-ġlieda kontra l-faqar, iżda jinnota li għad hemm lok għal titjib,

speċjalment fl-analiżi tad-dejta biex jiġi evitat li jittieħdu miżuri li jistgħu jkunu ta' tfixkil għall-pożizzjoni tan-nisa;

9. Jemmen li l-effettività ta' l-inklużjoni ta' kwistjonijiet dwar is-sessi f'politiki ta' koperazzjoni ta' żvilupp tiddependi fuq is-sensittività għal kwistjonijiet dwar is-sessi min-naħa ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea involuti; jemmen li dan jimplika li l-kisba ta' l-għanijiet stipulati fil-Pjan ta' Rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010 (COM(2006)0092) fi ħdan l-Unjoni Ewropea hija pre-kondizzjoni meħtieġa għall-integrazzjoni effettiva tal-kwistjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli kollha tal-koperazzjoni għall-iżvilupp;
10. Jenfasizza l-ħtieġa li l-iffukar ma jkunx biss fuq in-nisa iżda wkoll fuq ir-relazzjonijiet fir-rigward tas-sessi, b'mod speċjali r-relazzjonijiet soċjali bejn l-irġiel u n-nisa li jiġġeneraw u jipperpetwaw l-inugwaljanzi bejn is-sessi; jemmen li, bħala konsegwenza ta' dan, il-proġetti għandhom ikunu mmirati lejn l-irġiel kif ukoll lejn in-nisa;
11. Jenfasizza li l-proċessi tal-globalizzazzjoni għandhom joffru opportunitajiet ġodda lill-pajjiżi foqra u jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa, billi n-nisa spiss huma ħaddiema mhux imħarrġa u għalhekk jinsabu f'qagħda soċjali żvantaġġjata;
12. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposti prattiċi dwar kif, fil-kuntest ta' dinja dejjem aktar globalizzata, jistgħu jinħolqu mpjiegi u mezzi ta' għajxien għall-għadd kbir ta' nisa mhux imħarrġa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni fil-koperazzjoni għall-iżvilupp b'effetti konkreti li jistgħu jitkejlu fuq ir-relazzjonijiet fir-rigward tas-sessi, billi jemendaw il-liġijiet, l-istituzzjonijiet u t-tendenzi patrijarkali eżistenti, iżidu l-mezzi baġitarji u jtejbu l-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi għan-nisa;
14. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, bħala entitajiet li joffru impjiegi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex iqisu l-prinċipju ta' xogħol li jkun dinjituż għall-bniedem billi jżidu l-pagi b'konformità mar-Rakkomandazzjoni 135 ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol rigward l-iffissar ta' pagi minimi, b'riferenza speċjali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
15. Jilqa' l-proposti bil-għan li jippromwovu l-ħarsien tad-drittijiet ċivili u dawk marbuta max-xogħol ta' ħaddiema każwali u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-movimenti trejdjunjonistiċi bil-għan li jitnaqqsu l-problemi lil jiffaċċjaw in-nisa fid-dinja tax-xogħol;
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tfassal politiki ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, tappoġġja miżuri biex jissaħħaħ l-istatus legali tan-nisa, tippromwovi aktar l-aċċess ugwali għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, u d-drittijiet fundamentali soċjali u tal-bniedem, kif ukoll sabiex tingħata attenzjoni partikulari tal-vulnerabilità u tan-numru li dejjem jiżdied tan-nisa migranti u l-vulnerabilità tagħhom, sabiex jiġi evitat li n-nisa jsiru l-klassi sfruttata l-ġdida tas-soċjetà;
17. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-effett potenzjali tal-Ftehimiet dwar is-Sħubija Ekonomika (EPAs) mill-perspettiva tal-ġeneru;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw koerenza bejn il-politika dwar il-koperazzjoni għall-iżvilupp u politiki Komunitarji oħra (bħal dawk dwar il-kummerċ u l-agrikultura) sabiex tiġi evitata interferenza negattiva bejn il-politiki, b'mod speċjali fir-rigward ta' miżuri mfassla biex jingħata l-poter lin-nisa;
19. Jirrimarka li l-influwenza tan-nisa fuq l-ippjanar ta' ħajjithom stess jiddependi mill-edukazzjoni tagħhom; jisħaq fuq l-importanza ta' programmi edukattivi li jkunu sensitivi għall-kwistjoni tal-ġeneru, immirati kemm għan-nisa u kemm għall-irġiel;
20. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex twettaq analiżi tad-dimensjoni tal-ġeneru f'kull stadju tat-tfassil, ta' l-implimentazzjoni u ta' l-evalwazzjoni tal-politika sabiex tiżgura li kull forma ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru tiġi eliminata u li d-drittijiet tan-nisa jiġu mħarsa u promossi;
21. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa evalwazzjoni tal-konsegwenzi li l-modalitajiet il-ġodda ta' għajjnuna għandhom fuq il-qagħda tan-nisa, filwaqt li tqis il-fatt li naqas l-iffukar fuq in-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, parzjalment minħabba din it-tendenza l-ġdida ta' żvilupp;
22. Jilqa' t-talba tal-Kummissjoni sabiex jiġu żviluppati indikaturi ta' rendiment li jkunu sensitivi għall-kwistjoni tal-ġeneru, u jitlob li indikaturi ta' dan it-tip jiġu inklużi fid-Dokumenti ta' Strateġija tal-pajjiżi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u tad-DCI kollha, kif ukoll fl-evalwazzjoni ta' riżultati waqt ir-reviżjoni, kemm jekk finali u kemm fuq żmien medju, ta' strateġiji ta' dan it-tip. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tħejji parametri trasparenti, li ma jiswewx ħafna flus u li jistgħu jiġu interpretati forma ta' indikaturi kwalitattivi u li jistgħu jitkejlu b'mod kwantitattiv sabiex il-progress fil-qasam ta' l-ugwaljanza u ta' l-emanċipazzjoni tan-nisa jkun jista' jiġi evalwat b'mod regolari u effikaċi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex fid-djalogi ma' pajjiżi terzi tqajjem kuxjenza dwar l-importanza ta' dejta miġbura skond il-ġeneru u kumparabbli; jappoġġja l-indikaturi mqassmin skond il-ġeneru fl-Anness VII bħala bażi tajba għall-iżvilupp ta' strument komprensiv biex jitkejlu r-riżultati;
23. Jilqa' l-fatt li l-istrateġija tal-Kummissjoni tqis il-fenomeni tal-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru;
24. Jenfasizza li l-vjolenza kontra n-nisa mhijiex biss kwistjoni tan-nisa, u li għandha bżonn ta' approċċ li jiffoka mhux biss fuq in-nisa iżda wkoll fuq l-irġiel; filwaqt li jilqa' l-programmi li jindirizzaw il-vittmi nisa, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi li jindirizzaw irġiel li jagħmlu abbuż, u b'hekk jiġu indirizzati l-kawżi u mhux biss l-effetti ta' dan il-fenomeni;
25. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tqajjem kuxjenza dwar il-vjolenza kontra n-nisa permezz ta' żieda fil-kopertura tal-midja dwar din il-kwistjoni u fit-taħriġ ta' persunal militari, ġudizzjarju u taż-żamma ta' l-ordni; madankollu jħeġġeġ biex tingħata aktar attenzjoni lill-miżuri mmirati lejn it-traffikar ta' bnedmin, it-tortura u Prattiki tradizzjonali li huma ta' dannu, b'enfasi fuq il-mutilazzjoni tal-ġenitali tan-nisa, fuq ir-reati għal skopijiet ta' unur u żwieġ bikri u sfurzat, u jinsisti li għandu jikber l-għadd tan-nisa fil-persunal ta' l-istituzzjonijiet li jassistu b'mod dirett lill-vittmi ta' dawn il-prattiki.

26. Jilqa' r-rabta speċifika bejn in-nisa u l-HIV (f'termini ta' rata ta' infezzjoni li qed tiżdied) msemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hawn fuq dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-għoti tal-poter lin-nisa fil-koperazzjoni għall-iżvilupp; jemmen li kellha ssir sejħa speċifika għall-Istati Membri sabiex jonoraw l-impenji finanzjari li għamlu f'dan il-qasam;
27. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw impenji speċifiċi, marbuta biż-żmien u li jistgħu jitkejlu, appoġġjati bl-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati, sabiex jinkiseb aċċess universali għall-prevenzjoni, il-kura, it-trattament u l-appoġġ rigward l-HIV għan-nisa u għall-bniet kollha sa l-2010;
28. Jilqa' l-affermazzjoni qawwija tar-rabta bejn il-politiki u programmi dwar l-HIV/AIDS u politiki u servizzi marbuta mad-drittijiet fil-qasam tas-saħħa sesswali u riproduttiva (SRHR) fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tal-poter lin-nisa fil-koperazzjoni għall-iżvilupp;
29. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ l-irwol tagħha ta' mexxej politiku fil-politiki SRHR u biex iżżid il-fondi għall-SRHR, sabiex tgħin lill-pajjiżi jiksbu l-MDGs, b'mod partikulari l-għan ta' l-aċċess universali għas-saħħa riproduttiva kopert mill-MDG dwar it-titjib tas-saħħa ta' l-ommijiet (MDG 5), u biex tindirizza kwistjonijiet marbuta man-nisa fil-qasam ta' l-SRHR, bħall-fistula obstetrika u trawmatika;
30. Jirrimarka li d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet twassal għal żieda fir-riskju ta' l-infezzjoni bl-HIV billi, minħabba l-qagħda soċjali baxxa tagħhom, huwa diffiċli għalihom li jagħmlu deċiżjonijiet proprji dwar is-sesswalità;
31. Jiddeplora b'qawwa kbira l-qagħda tan-nisa li jinsabu maqbuda bħal prigionieri taħt il-liġi tax-Sharia, u jqis din l-oppressjoni bħala waħda li tirrappreżenta l-oppost preċiż ta' kull prinċipju li dan ir-Rapport iqis li għandu importanza ewlenija;
32. Jilqa' l-fatt li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tagħraf l-importanza li jingħata appoġġ għar-riċerka dwar il-mikrobiċidi u t-tilqim (li huma l-aktar teknoloġiji promettenti għan-nisa) u jitlob lill-UE biex tiżgura li t-tilqima kontra l-AIDS tiġi inkluża fir-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Mikrobiċidji fl-aġendi usa' ta' l-iżvilupp u ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
33. Jikkunsidra li l-għoti tal-poter lin-nisa, permezz ta' l-iżgurar ta' aċċess sħiħ għal informazzjoni dwar is-saħħa relatata mas-sess u r-riproduzzjoni, kif ukoll għal servizzi u provvisti, iqegħidhom f'pożizzjoni aħjar biex jipprattikaw sess protett u biex jipproteġu lilhom infushom minn infezzjonijiet trażmessi sesswalment (STDs), inkluż l-HIV; jappoġġja l-miżuri proposti mill-Kummissjoni għall-ħarsien tan-nisa mill-STDs, b'mod speċjali l-appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp ta' mikro-bijoċidi u tilqim u l-miżuri proposti rigward is-saħħa u d-drittijiet riproduttivi;
34. Ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-inklużjoni tal-prevenzjoni tat-trażmissjoni mill-omm għat-tarbija (PMTCT) fil-pakkett ta' strateġiji komprensivi tal-għlieda kontra l-HIV;
35. Jenfasizza l-importanza li n-nisa jitpoġġew fil-qalba tal-provvista ta' l-ilma, tas-sanità u ta' l-iġjene u jenfasizza, għaldaqstant, l-importanza li jitjieb l-aċċess għall-ilma tax-xorb

sikur, is-sanità adegwata u l-ilma għal skopijiet produttivi;

36. Jikkritika bil-qawwi l-fatt li l-ġlieda kontra l-vjolenza fejn in-nisa huma l-vittmi u li tiffirma parti mit-tradizzjoni m'hijiex parti mill-miżuri li jinsabu fl-istrateġija tal-Kummissjoni; jikkundanna kwalunkwe prattiki legali, kulturali u reliġjużi li jiddiskriminaw kontra n-nisa, jeskluduhom mill-ħajja politika u pubblika u jissegregawhom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, kif ukoll dawk li jiskużaw l-istupru, il-vjolenza domestika, iż-żwieġ sfurzati, drittijiet mhux indaqs fil-proċeduri tad-divorzju, il-qtil għall-unur, kwalunkwe obbligu kontra r-rieda tal-mara innifisha sabiex tosserva kodiċijiet speċifiċi ta' l-ilbies, fastidju minħabba n-nuqqas ta' konformità man-normi jew regoli relatati mal-ġeneri, it-traffikar u x-xogħol sfurzati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiġġieldu kontra dawn il-prattiki fil-politiki ta' koperazzjoni għall-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel sforzi kbar biex tappoġġja programmi ta' tagħrif u promozzjoni li jqajmu l-kuxjenza pubblika u jbiddu l-klima ta' l-opinjoni pubblika fl-ipprogrammar tal-pajjiżi u li l-miżuri li jittieħdu sabiex ikunu miġġielda l-forom kollha tal-vjolenza kontra n-nisa, inklużi prattiki dannużi tradizzjonali, isiru kriterju tal-governanza tajba ta' pajjiżi msieħba;
37. Jinnota bi tħassib kbir ir-Rapport tal-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Popolazzjoni (UNFPA) dwar l-Istat tal-Popolazzjonijiet tad-Dinja s-sena l-oħra, liema rapport jammetti li fid-dinja jeżisti defiċit globali ta' 60,000,000 mara, u li dawn in-nisa 'nieqsa' ġew magħżula qabel it-twelid skond il-ġeneru, abortiti u infantiċizzati;
38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jimplementaw is-Sejħa għal Azzjoni ta' Brussell biex tiġi indirizzata l-vjolenza sesswali fil-kunflitti u lil hinn minnhom;
39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi f'żoni li jinsabu fi kriżi jew f'kunflitt, inkluża l-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali, ikunu prijoritarji kemm waqt il-fażi umanitarja kif ukoll waqt ir-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerer;
40. Jišhaq fuq il-ħtieġa li ma' l-immaġni tan-nisa bħala vittmi vulnerabbli tiżdied ukoll l-immaġni tan-nisa bħala grupp differenzjat ferm ta' atturi soċjali li għandhom riżorsi u ħiliet prezzjużi u li għandhom il-pjanijiet proprji tagħhom; in-nisa jinfluwenzaw l-evoluzzjoni tas-sitwazzjonijiet, u jeħtieġ li huma jsawru l-proċess ta' l-iżvilupp;
41. Jikkunsidra li l-parteċipazzjoni tan-nisa fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-livelli kollha hija kundizzjoni meħtieġa għal tmexxija tajba, u jilqa' kull tip ta' interventi ta' appoġġ, bħalma huma inċentivi biex jintlaħqu kwoti, appoġġ għall-movimenti u l-organizzazzjonijiet tan-nisa, u l-promozzjoni attiva tad-drittijiet tan-nisa fis-CSPs; jerġa' jfakkar il-ħtieġa biex jiżdied l-irwol tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u biex ikunu żgurati l-parteċipazzjoni u l-involvement bis-sħiħ tan-nisa fl-isforzi kollha għall-promozzjoni tal-paċi u r-riżoluzzjoni ta' kunflitt, u jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-UNSCR 1325 (2000); furthermore supports the recommendations of UNSCR 1325 (2000);
42. Jistieden lill-UE sabiex iżżid l-isforzi bl-għan ta' l-implimentazzjoni ta' UNSCR 1325 (2000), li titlob li jkun hemm aktar parteċipazzjoni tan-nisa fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-proċessi ta' riżoluzzjoni ta' kunflitti u l-proċessi tal-paċi;

43. Jenfasizza li l-istupru ntuża bħala arma tal-gwerra u li dan il-fenomenu jeħtieġ jiġi indirizzat permezz ta' programmi ta' appoġġ għall-vittmi;
44. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tagħmel sforzi sinifikanti bil-għan li tiżgura li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa titqies b'mod sħiħ fil-programmi tal-pajjiżi; jenfasizza li, kif ġara wkoll fl-imgħoddi, jeħtieġ li jsiru sforzi sinifikanti biex tiġi inkluża l-azzjoni favur l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-prattiki ta' kuljum ta' l-UE fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni sabiex taħdem lejn bilanċ bejn nisa u rġiel fid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni billi jiġu maħtura aktar nisa, inklużi f'pożizzjonijiet għolja bħal Kap ta' Delegazzjoni;
45. Jenfasizza l-potenzjal tal-mikro-krediti bħala għodda li l-politiki ta' koperazzjoni għall-iżvilupp jistgħu jużaw biex jippromwovu l-iżvilupp ta' komunitajiet lokali u l-għoti tal-poter lin-nisa;
46. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa politiki li jħeġġu lin-nisa biex jiffurmaw gruppi ta' awto-assistenza u biex isiru awtonomi u, b'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (bħalma hija l-Finance PlaNet), biex jespandu n-netwerk ta' mikro-finanzjament, sabiex aktar nisa jkunu jistgħu jingħataw self biex itejbu l-istatus ekonomiku tagħhom;
47. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi informazzjoni ċara dwar il-mekkaniżmi disponibbli għas-sorveljanza u l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija attwali, fosthom is-sorveljanza tar-riżorsi finanzjarji u umani li se jingħataw biex jiżguraw implimentazzjoni effettiva;
48. Jirrimarka li, fuq livell nazzjonali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri aktar tista' tinkiseb jekk ikun hemm biżżejjed riżorsi finanzjarji u speċjalisti kwalifikati fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikulari speċjalisti lokali, bħala parti mit-tijms li jwettqu l-proġetti;
49. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tħarreġ lill-membri ta' l-istaff tagħha li jaħdmu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw rigward kwistjonijiet marbuta mal-ġeneru;
50. Jilqa' l-miżuri proposti mill-Kummissjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni, meta wieħed iqis li l-għoti ta' poter lin-nisa permezz ta' level ogħla ta' edukazzjoni jtejjeb il-qagħda kemm tan-nisa kif ukoll ta' wliedhom;
51. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss aktar l-aċċess għall-bniet għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fil-livelli kollha, sabiex jiġi evitat li dawn iħallu l-iskola, u li jkunu appoġġjati politiki dwar l-edukazzjoni ġusti u ta' kwalità permezz tat-taħriġ ta' l-għalliema dwar kwistjonijiet tal-ġeneru u permezz ta' l-appoġġ għar-riforma tal-programmi tat-tagħlim sabiex fihom jiġu inklużi t-temi ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-saħħa sesswali u ġenetika u l-awtonomija tan-nisa, peress li fil-maġġoranza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-bniet għadhom jiffaċċjaw id-diskriminazzjoni fir-rigward ta' l-aċċess għat-tagħlim;
52. Jirrimarka li l-istrateġija fil-qasam ta' l-"Azzjonijiet ta' l-UE fil-livelli internazzjonali u reġjonali" sfortunatament ma tifformulax pożizzjoni għall-UE dwar ir-reforma tan-NU fil-

qasam ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa;

53. Jilqa' t-twaqqif ta' Sħubija bejn il-KE u n-NU dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-Iżvilupp u għall-Paċi¹, jenfasizza l-interess tal-Parlament Ewropew li jkun infurmat u involut fil-ħidma żviluppata minn din is-Sħubija;
54. Jenfasizza l-importanza li titħeġġeġ il-koordinazzjoni tad-donaturi biex tiġi garantita l-inklużjoni tal-kwistjonijiet dwar il-ġeneru, billi jittejbu d-djalogu u l-komunikazzjoni sabiex jinkiseb fehim komuni tal-kunċetti tal-ġeneru u tal-metodi xierqa;
55. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex torbot l-infiq ta' fondi ta' appoġġ mill-baġit ma' kriterji fir-rigward tar-rendiment evalwati fuq il-bażi ta' indikaturi ta' riżultat mhux aggregati skond il-ġeneru; jinsisti, madankollu, li d-deċiżjonijiet dwar il-punizzjoni għal awtoritajiet amministrattivi inkompetenti għandhom jittieħdu b'attenzjoni sabiex ma jġugx affettwati l-benefiċjarji aħharja ta' l-għajnuna, jiġifieri n-nisa;
56. Jenfasizza li l-parteċipazzjoni weħidha ma twassalx għat-tnaqqis tan-nuqas ta' ugwaljanza tan-nisa, iżda jeħtieġ li jkun hemm ukoll sforzi mmirati u kompetenti magħmula fil-bażi biex jingħelbu l-ostakli li jxekklu lin-nisa milli jipparteċipaw;
57. Jirrimarka li t-tmexxija tajba tinkludi r-rispett tal-libertajiet fundamentali u li d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu ttrattati bħala drittijiet fundamentali bażiċi u li dawn huma ċentrali għall-kisba ta' l-MDGs u ta' għanijiet oħra marbuta ma' l-iżvilupp;
58. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri.

¹ Is-sħubija bejn il-KE u n-NU dwar l-Ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għall-Iżvilupp u għall-Paċi hija inizzjattiva li tinvolvi l-Kummissjoni Ewropea (KE), il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għan-Nisa (UNIFEM) u ċ-Ċentru Internazzjonali tat-Taħriġ ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ITCILO). Din is-sħubija hija segwitu tal-konferenza bl-isem "Żvilupp proprju. Il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi f'modalitajiet ġodda ta' għajnuna u fi sħubijiet ġodda"¹, li ġiet organizzata b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u mill-UNIFEM f'Novembru 2005.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur tilqa' l-istrateġija tal-Kummissjoni fil-qofol tagħha. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tqis bosta rakkomandazzjonijiet magħmula mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Madankollu, ir-rapporteur tosserva n-nuqqas ta' aspetti ta' elementi ewlenin u tqis li ħafna mit-talbiet magħmula ġew ifformulati b'mod dgħajfef. Ir-rapporteur tiġbed l-attenzjoni dwar il-hteġa li l-UE u l-Istati Membri jkunu obbligati jieħdu mpenn rigward l-implimentazzjoni tad-dokument, sabiex it-test tal-Komunikazzjoni jiġi implimentat fil-prattika u mhux biss fit-teorija.

Is-sitwazzjoni

Fil-qafas ta' l-iżvilupp sostenibbli, l-ugwaljanza ta' l-opportunitajiet u l-aċċess indaqs ta' l-irġiel u tan-nisa għar-riżorsi għandhom importanza fundamentali. Fl-Afrika, pereżempju, in-nisa jirrappreżentaw 52% tal-popolazzjoni totali iżda jagħmlu 75% tax-xogħol tal-biedja u jipproduċu u jqiegħdu bejn 60 u 80% tal-prodotti ta' l-ikel fis-suq. Madankollu, żewġ terzi tal-persuni illitterati fuq il-livell globali huma nisa, u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-probabilità li l-bniet jattendu l-iskola sekondarja hija 11% aktar baxxa minn dik għas-subien. Fil-pajjiżi Afrikani 'l isfel mis-Sahara, in-nisa jmisshom biss 10% tad-dħul u għandhom biss 1% ta' l-assi. Anke fuq il-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet, in-nisa huma grupp marġinali. Għalkemm jirrappreżentaw nofs il-votanti, huma għandhom biss 12% tas-siġġijiet parlamentari. Fil-qasam tas-saħħa, l-istatistika turi differenza akbar bejn l-irġiel u n-nisa. Fl-Afrika 'l isfel mis-Sahara, 60% tal-persuni nfettati bl-HIV huma nisa adulti; 75% ta' l-infezzjonijiet ġodda kollha ta' l-AIDS fost iż-żgħażaġh jinsabu fost il-bniet. Fil-gwerer bejn l-istati jew fil-kunflitti nazzjonali, l-ewwel vittmi dejjem huma dawk l-aktar dgħajfa, jiġifieri n-nisa, it-tfal u l-persuni mdaħħlin fiż-żmien. In-nisa u l-bniet, min-natura bijoloġika tagħhom, huma esposti għal riskji fil-qasam tas-saħħa riproduttiva, għal mard li jittieħed sesswalment u b'mod partikulari għall-AIDS, u huwa diffiċli ferm li huma jibbenefikaw mis-servizzi tas-saħħa riproduttiva waqt il-gwerer jew waqt il-kunflitti.

L-istrateġija attwalizzata tal-Kummissjoni

L-istrateġija tipproponi miżuri konkreti għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'ħames oqsma ewlenin: l-azzjoni politika responsabbli, l-impjieġ, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-vjolenza kontra n-nisa. L-istrateġija tinkludi linji ta' gwida sabiex il-kwistjonijiet ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa jiġu integrati b'mod sistematiku fil-politika ta' l-iżvilupp u tenfasizza l-potenzjal ta' l-għajnuna baġitarja diretta għall-appoġġ ta' miżuri li jippromwovu din l-ugwaljanza.

Fil-qafas ta' serje ta' miżuri għall-koordinazzjoni aħjar ta' l-għajnuna għall-iżvilupp mogħtija mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, il-komunikazzjoni "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa fil-Koperazzjoni għall-Iżvilupp" toffri, għall-ewwel darba strateġija Ewropea bil-għan li tippromwovi l-ugwaljanza u l-emanċipazzjoni tan-nisa. Fid-dawl ta' dan l-għan, hemm tliet oqsma ta' azzjoni previsti fl-istrateġija ta' l-UE: L-ewwelnett ġew proposti 41 miżuri konkreta fl-oqsma ta' l-azzjoni politika responsabbli, ta' l-impjieġ, ta' l-edukazzjoni, tas-saħħa u tal-vjolenza kontra n-nisa. vorgeschlagen. Ir-rapporteur jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ppreżentat il-41 miżura b'mod dettaljat u li hija tappoġġja t-tisħiħ ta' l-irwol tal-mara anke fir-rigward ta' governanza tajba. Madankollu jidher biċ-ċar li l-preżentazzjoni tal-

41 miżura mhijiex koerenti: filwaqt li xi parametri ma jħallu l-ebda lok għall-interpretazzjoni, il-mod kif ġew ifformulati l-miżuri dwar il-politika tal-kummerċ jidher vag għar-rapporteur.

It-tieni, l-istrateġija thegħeġ sabiex l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tiegħu dimensjoni orizzontali reali fid-djalogu politiku mal-pajjiżi msieħba. Dan għandu jsir billi jkun hemm sħubija vera fid-djalogu dwar kwistjonijiet marbuta ma' l-ugwaljanza u ma' l-iżvilupp, billi jiġu inklużi l-gvernijiet, is-soċjetà ċivili, il-qasam xjentifiku u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. F'dan ir-rigward, fil-Komunikazzjoni hemm nuqqas ta' proposti konkreti dwar l-implimentazzjoni ta' djalogu sostenibbli mas-soċjetà ċivili.

Jeħtieġ ukoll li t-tematika ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tiġi integrata b'mod aktar effettiv fil-koperazzjoni għall-iżvilupp. F'dan ir-rigward, ir-rapporteur tenfasizza li l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' l-inklużjoni tal-kwistjonijiet dwar il-ġeneru hija nieqsa fid-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiżi. Jaqbel għalhekk li wieħed iqis aktar l-irwol essenzjali tan-nisa fit-tkabbir ekonomiku u fl-iżvilupp fit-tnejn u fl-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji tal-koperazzjoni. L-istrateġija tipproponi li ssir evalwazzjoni ta' kull miżura skond il-kontribut tagħha lejn l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa bil-għan li din id-dimensjoni tiġi inkluża fil-proġetti individwali ta' l-iżvilupp b'mod aktar effettiv.

Rigward ir-responsabilità, ir-rapporteur tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha, ma tenfasizzax ir-responsabilità proprja tagħha lejn iċ-ċittadini ta' l-Ewropa u lejn il-Parlament Ewropew. Hija tfakkar lill-partijiet kollha, mill-midja sal-gvernijiet nazzjonali, fir-responsabilitajiet tagħhom iżda ma tagħtix enfasi lir-rwol tagħha proprju.

It-tielet, l-istrateġija teżamina l-kontribut supplimentari lejn l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa li jista' jingħata mill-għajnuna baġitarja għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw jew mill-għajnuna f'oqsma speċifiċi bħal ma huma s-saħħa jew l-edukazzjoni meta mqabbla mal-promozzjoni tal-proġetti individwali. Hawnhekk ir-rapporteur tisserva li l-Kummissjoni ma tagħmel l-ebda stqarrijiet ċari dwar l-oriġini u t-tqassim tal-flus. Referenza għall-fondi rispettivi tagħti natura li torbot aktar lid-dikjarazzjonijiet li tagħmel il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha.

Punti importanti ta' kritika

F'dan il-punt, ir-rapporteur tixtieq issemmi fil-qosor l-aktar punti importanti ta' kritika fl-istrateġija:

L-istrateġija mill-perspettiva tal-politika ekonomika u kummerċjali

Wieħed jiddeplora l-fatt li l-EPAs (ftehimiet ta' sħubija ekonomika) jibqgħu ma jissemmewx fl-istrateġija. Imkien ma tissemma r-rabta bejn it-tiżi ta' l-irwol tan-nisa u l-ftehimiet tas-sħubija ekonomika bejn l-UE u l-pajjiżi ta' l-ACP, lanqas meta l-Kummissjoni, fil-pożizzjoni tagħha dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, tispjega li dan jista' jkollu konsegwenzi negattivi fuq medda ta' żmien qasir għall-gruppi li huma vulnerabbli soċjalment iżda li, fuq żmien twil, dan jista' jkollu konsegwenzi pożittivi għall-parti l-kbira ta' l-ekonomiji.

"Prattiki tradizzjonali ta' ħsara" - Forom tradizzjonali tal-vjolenza kontra n-nisa

Bosta użanzi tradizzjonali jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniet, fosthom id-dritt għall-

edukazzjoni, għall-iżvilupp tal-personalità u għall-integrità fiżika. Il-mutilazzjoni ġenitali, iż-żwieġ sfurzati, ir-reati "għall-unur", u l-qtil minħabba d-dota huma forom ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jirrappreżentaw ukoll id-diskriminazzjoni enormi li jsofru minnha n-nisa f'soċjetà li tkompli tippratika tradizzjonijiet bħal dawn. Ir-rapporteur tikkritika l-fatt li l-ġlieda kontra dawn it-tradizzjonijiet vjolenti m'hijiex inkluża fil-41 miżura ta' l-istrateġija tal-Kummissjoni.

In-nisa fl-istati dgħajfa u fil-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs)

Fl-istrateġija, il-Kummissjoni ma tikkummentax dwar l-irwol partikulari tan-nisa fl-istati dgħajfa u fil-pajjiżi l-anqas żviluppati. L-irwol soċjali diġà dgħajef tan-nisa jmur għall-aġar fl-istati dgħajfa minħabba n-nuqqas ta' stabilità jew in-nuqqas ta' strutturi organizzati maħsuba għall-benessri ġenerali tal-popolazzjoni.

In-nisa u l-biedja - il-politika agrikola Ewropea

Fl-istrateġija tal-Kummissjoni, kif ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, huwa enfasizzat l-irwol ewlieni tan-nisa fil-biedja. Ir-rapporteur tikkritika l-fatt li la l-Kummissjoni u lanqas il-Kunsill ma jidħlu fid-dettall dwar il-politika agrarja komuni li hija ssussidjata bil-qawwi mill-UE li, fost fatturi oħra, hija responsabbli għall-miżerja li hemm fil-swieq agrikoli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

22.11.2007

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Għoti ta' Poter lin-Nisa fil-Koperazzjoni ta' Żvilupp
(2007/2182(INI))

Rapporteur għal opinjoni(*): Gabriela Creu,

(*):Proċedura b' kumitati assoċjati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- A. billi n-nisa huma vulnerabbli għal diskriminazzjoni fiż-żwieġ u għal diskriminazzjoni fl-aċċess għall-proprietà tal-bini u ta' l-art, kif ukoll għar-riżorsi u għall-kontroll tagħhom,
- B. billi ħafna nisa huma miċħuda l-aċċess għal ħtiġijiet bażiċi u għas-servizzi **tal-kura** tas-saħħa, għal edukazzjoni fil-livelli kollha, għall-karrieri, u l-parteċipazzjoni fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjoni eċċ.,
- C. billi l-inugwaljanzi bejn is-sessi għandhom tendenza li jwasslu għal inugwaljanzi oħra, b'konsegwenzi ħżiena għall-benessri tan-nisa, u għall-familji u l-komunitajiet tagħhom, kif ukoll għall-iżvilupp persunali tagħhom,
- D. billi f'ħafna pajjiżi, azzjonijiet relatati mas-sessi mhumiex meqjusa ta' prijorità għolja, fejn il-ġeneru huwa meqjus bħala kwistjoni sussidjarja, u prattiki kulturali, reliġjużi u soċjo-ekonomiċi huma użati bħala skuża biex jiġi ostakolat il-progress fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa,
- E. billi ġie ppruvat li l-għoti ta' poter lin-nisa jaċċelera l-kisba ta' l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp l-oħra sabiex jitnaqqas il-faqar u jitjiebu l-indikaturi demografiċi, soċjali

u ekonomiċi,

- F. billi l-effiċjenza ta' ċerti proġetti li ġew implimentati s'issa ġiet imfixkla bin-nuqqasijiet li huma speċifiċi għal pajjiżi varji: amministrazzjoni lokali u nazzjonali fraġli, gvernijiet korroti jew nuqqas ta' għarfien speċjalizzat u persunal imħarreġ biex jittratta mal-problemi relatati ma' l-għoti ta' poter lin-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi,
1. Huwa tal-fehma li l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni huwa bażi tajba fuq iex l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jistgħu jinkludu kwistjonijiet dwar is-sessi fil-programmi tagħhom ta' koperazzjoni ta' żvilupp - sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u jingħata l-poter lin-nisa - bħala l-istrument prinċipali biex ikabbar id-drittijiet tal-bniedem u jiġġieled kontra l-faqar, iżda jinnota li għad hemm lok għal titjib, speċjalment fl-analiżi tad-dejta biex jiġi evitat li jittieħdu miżuri li jistgħu jkunu ta' tfixkil għall-pożizzjoni tan-nisa;
 2. Jemmen li l-effettività ta' l-inklużjoni ta' kwistjonijiet dwar is-sessi f'politiki ta' koperazzjoni ta' żvilupp tiddependi fuq is-sensittività għal kwistjonijiet dwar is-sessi min-naħa ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea involuti; dan jimplika li l-kisba ta' l-oġettivi stipulati fil-Pjan ta' Rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010 (COM(2006)0092) fi ħdan l-Unjoni Ewropea hija pre-kondizzjoni meħtieġa għall-integrazzjoni effettiva ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli kollha tal-koperazzjoni għall-iżvilupp;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni fil-koperazzjoni ta' żvilupp b'effetti konkreti li jistgħu jitkejlu fuq ir-relazzjonijiet fir-rigward tas-sessi (li jimmodifikaw liġijiet, istituzzjonijiet u tendenzi patrijarkali eżistenti, iżidu l-mezzi baġitarji u *jtejbu* l-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi għan-nisa);
 4. Jenfasizza l-ħtieġa li l-iffukar ma jkunx biss fuq in-nisa iżda wkoll fuq ir-relazzjonijiet fir-rigward tas-sessi, jiġifieri, relazzjonijiet soċjali bejn irġiel u nisa li jiġġeneraw u jipperpetwaw inugwaljanzi bejn is-sessi; bħala konsegwenza ta' dan, il-proġetti għandhom ikunu mmirati lejn l-irġiel kif ukoll lejn in-nisa;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw koerenza bejn il-politika dwar il-koperazzjoni ta' żvilupp u politiki Komunitarji oħra (eż. kummerċ, agrikultura) sabiex tiġi evitata interferenza negattiva, b'mod speċjali fir-rigward ta' miżuri mfassla biex jingħata poter lin-nisa;
 6. Jikkunsidra li l-parteċipazzjoni tan-nisa fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-livelli kollha hija kundizzjoni meħtieġa għal tmexxija tajba, u jilqa' kull tip ta' interventi ta' appoġġ, bħalma huma inċentivi biex jintlaħqu kwoti, appoġġ għall-movimenti u l-organizzazzjonijiet tan-nisa, promozzjoni attiva tad-drittijiet tan-nisa fis-CSPs, eċċ.; jerġa' jfakkar il-ħtieġa biex jiżdied l-irwol tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u biex ikunu żgurati l-parteċipazzjoni u l-involviment bis-sħiħ tan-nisa fl-isforzi kollha għall-promozzjoni tal-paċi u r-riżoluzzjoni ta' kunflitt, u jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-UNSCR 1325 (2000);
 7. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa evalwazzjoni tal-konsegwenzi li l-modalitajiet il-ġodda ta' għajjnuna għandhom fuq il-kundizzjoni tan-nisa, filwaqt li tqis il-fatt li naqas l-

iffukar fuq in-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, parzjalment minħabba din it-tendenza l-ġdida ta' żvilupp;

8. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex torbot l-infiq ta' fondi ta' appoġġ mill-baġit ma' kriterji fir-rigward tar-rendiment evalwati fuq il-bażi ta' indikaturi ta' riżultat mhux aggregati skond il-ġeneru; jinsisti, madankollu, li d-deċiżjonijiet dwar il-punizzjoni għal amministrazzjonijiet inkompetenti għandhom jittieħdu b'attenzjoni sabiex ma jiġux affettwati l-benefiċjarji aħħarija ta' l-għajjnuna, jiġifieri n-nisa;
9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa politiki li jħeġġu lin-nisa biex jiffurmaw gruppi ta' awto-assistenza u biex isiru awtonomi u, b'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (bħalma hija l-Finance PlaNet), biex jespandu n-netwerk ta' mikro-finanzjament, sabiex aktar nisa jkunu jistgħu jingħataw self biex itejbu l-istatus ekonomiku tagħhom;
10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tfassal politiki ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, tikkunsidra l-effetti negattivi u kontroversjali tal-globalizzazzjoni, filwaqt li tappoġġja miżuri biex jissaħħaħ l-istatus legali tan-nisa, tippromwovi aktar l-aċċess ugwali għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, u d-drittijiet fundamentali soċjali u tal-bniedem, kif ukoll sabiex tingħata attenzjoni partikulari tal-vulnerabilità u tan-numru li dejjem jiżdied tan-nisa migranti, sabiex jiġi evitat li n-nisa jsiru l-klassi sfruttata l-ġdida tas-soċjetà;
11. Jilqa' l-miżuri proposti mill-Kummissjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni, meta wieħed jikkunsidra li l-għoti ta' poter lin-nisa permezz ta' level ogħla ta' edukazzjoni jtejjeb il-kundizzjonijiet kemm tan-nisa kif ukoll ta' uliedhom;
12. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss aktar l-aċċess għall-bniet għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fil-livelli kollha, sabiex jiġi evitat li dawn iħallu l-iskola, u li jkunu appoġġjati politiki dwar l-edukazzjoni ġusti u ta' kwalità permezz tat-taħriġ ta' l-għalliema dwar kwistjonijiet tal-ġeneru u permezz ta' l-appoġġ għar-riforma tal-programmi tat-tagħlim sabiex fihom jiġu inklużi t-temi ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-saħħa sesswali u ġenetika u l-awtonomija tan-nisa, peress li fil-maġġoranza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-bniet għadhom jiffaċċjaw id-diskriminazzjoni fir-rigward ta' l-aċċess għat-tagħlim;
13. Jikkunsidra li l-għoti tal-poter lin-nisa, permezz ta' l-iżgurar ta' aċċess sħiħ għal informazzjoni dwar is-saħħa relatata mas-sess u r-riproduzzjoni, kif ukoll għal servizzi u provvisti, iqegħidhom f'pożizzjoni aħjar biex jipprattikaw sess protett u biex jipproteġu lilhom infushom minn infezzjonijiet trażmessi sesswalment (STDs), inkluż l-HIV; jappoġġja l-miżuri proposti mill-Kummissjoni, b'mod speċjali l-appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp ta' mikro-bijoċidi u tilqim li jipproteġu lin-nisa mill-STDs, u l-miżuri għas-saħħa u d-drittijiet rigward ir-riproduzzjoni;
14. Jenfasizza li l-vjolenza kontra n-nisa mhijiex biss kwistjoni tan-nisa, u li għandha bżonn ta' approċċ li jiffoka mhux biss fuq in-nisa iżda wkoll fuq l-irġiel; filwaqt li jilqa' l-programmi li jindirizzaw il-vittmi nisa, ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi li jindirizzaw irġiel li jagħmlu abbuż, u b'hekk jiġu trattati l-kawżiet u mhux biss l-effetti ta' dan il-fenomeni;

15. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tqajjem kuxjenza dwar il-vjolenza kontra n-nisa permezz ta' żieda fil-kopertura tal-midja u fit-taħriġ ta' persunal militari, ġudizzjarju u taż-żamma ta' l-ordni; madankollu jħeġġeġ biex tingħata aktar attenzjoni lill-miżuri mmirati lejn it-traffikar ta' bnedmin, it-tortura u prattiki tradizzjonali li huma ta' dannu, b'enfasi fuq il-mutilazzjoni tal-ġenitali tan-nisa, fuq ir-reati għal skopijiet ta' unur u żwieġ bikri u sfurzat, u jinsisti li għandu jikber in-numru tan-nisa fil-persunal ta' l-istituzzjonijiet li jassistu b'mod dirett lill-vittmi.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	20.11.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 0 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Hiltrud Breyer, Esther De Lange, Ilda Figueiredo, Věra Flasarová, Lívia Járóka, Piia-Noora Kauppi, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Roselyne Lefrançois, Siiri Oviir, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Zita Pleštinská, Anni Podimata, Christa Prets, Teresa Riera Madurell, Eva-Britt Svensson, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jill Evans, Iratxe García Pérez, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Donata Gottardi, Anna Hedh, Filiz Hakaeva Hyusmenova
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	29.1.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 18 -: 13 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Josep Borrell Fontelles, Marie-Arlette Carlotti, Corina Crețu, Marek Aleksander Czarnecki, Nirj Deva, Koenraad Dillen, Fernando Fernández Martín, Alain Hutchinson, Romana Jordan Cizelj, Madeleine Jouye de Grandmaison, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Gay Mitchell, Luisa Morgantini, Horst Posdorf, José Ribeiro e Castro, Toomas Savi, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknas Uca, Johan Van Hecke, Jan Zahradil
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriela Crețu, Sorin Frunzaverde, Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Atanas Papanizov, Anne Van Lancker, Ralf Walter, Renate Weber
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Neris